MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Numru. 684/2002

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Anthony Borg, iben Peter, imwieled Birkirkara fil-21 ta' Frar, 1983, Karta ta' l-Identita numru 260783(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fi Triq San Pawl il-Baħar, (f'Tal-Għażżenin Kiosk), San Pawl il-Baħar, fit-22 ta' Awwissu, 2002, għal ħabta tas-2.00 a.m., bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan Il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' billi sgassa l-bieb ta' 'L-Għazzenin Kiiosk', sitwat fi Triq San Pawl il-Baħar, liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volnta' tiegħu;

2. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi, li dak id-dħul f’’L-Għazzenin Kiosk’, jew f’reċint b’wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta’ att li jikkostitwixxi attentat ta’ reat ieħor peress li jidher ċar li ċ-ċirkostanżi ta’ l-imputat kienu li jagħmel serq, u li hu ppruvat li l-imputat kien ġa ġie kkindannat għa serq;
3. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe’ s-serratura tal-bieb ta’ ‘L-Għazzenin Kiosk’ fi Triq San Pawl il-Baħar, liema ħsara ma tiskorriex l-għaxar liri maltin (Lm10);
4. talli wara li ġie kkundannat Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta’ oġġetti, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, u cioe’ ta’ tnalja ‘gripper’ u imqass kbir tal-ħadid, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti ta’ kif kienu ġew leġittimament għandu, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta’ serraturi;
5. talli bħala persuna ikkundannat għal delitti li kien ikkundannat għal reati b’sentenzi li saru definittivi, għamel reat ieħor;
6. talli wara li l-Qorti tagħtu sentenza ta’ priġunerija għal żmien sentejn u li ġiet sospiża għal żmien erba’ snin u li s-sentenza oriġinali għada fis-seħħ reġa kkometta reat;
7. talli bħala persuna li aċċetta li jixtrri jew ibiegħ karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni EAH 382, naqas li jagħti avviż bil-miktub fi żmien sebat tijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid;
8. talli bħala s-sid tal-vettura bin-nu ru tar-reġistrazzjoni EAH 382, saq l-imsemmija vettura mingħajr il-pjanċi ta’ registrazzjoni;
9. talli bħala l-persuna li huwa reċidiv fid-delitti msemmija, il-piena tiżdied fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn minn grad sa tlett gradi.

Il-Qorti ġiet mitluba li tordna l-konfiska tal-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni EAH 382, li serviet bħala strument jew li kien maħsub li sservi sabiex isir id-delitt, u ta’ kull ma jkun ġie misjub bid-delitt.

Il-Qorti ġiet mitluba li meta tagħti sentenza jew f’kull ordni oħra tikkundanna lil Anthony Borg iħallas lir-Registratur

tal-Qorti, l-ispejjeż kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħala ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew ordni. Il-Qorti ġiet mitluba li tordna lil Anthony Borg li jesegwixxi l-liġi fi żmien sufiċjenti kif ġie stabbilit mill-Qorti, taħt penali ta' ammenda ta' mhux aktar minn żewġ liri kuljum.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2010 fejn il-partijiet qablu l-imputat skonta s-sentenza msemmija fis-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitta akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra.  Rat l-artikoli 41, 49, 50, 287, 330, 340(d) u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €360, spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti. Tordna l-konfiska tal-vettura eżebita fl-atti ta' din il-kawża. Minbarra dan, tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------